MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## MARIO SCERRI

Seduta ta' l-1 ta' April, 2008

Avviz Numru. 38/2007

Joseph u Vanessa konjugi Portelli

vs

Frances u Nazzareno konjugi Theuma

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi qed jitolbu li l-konvenuti sabiex jigu kkundannati li jhallsuhom is-somma ta' elf u hames mitt Liri Maltin (Lm1,500) ekwivalenti ghal tliet elef erba' mija u erbgha u disghin Euro u sitt centesimi (€3494.06), dovuta lilhom bhala rifuzjoni ta' parti mid-depozitu fis-somma totali ta' disat elef u hames mitt Liri Maltin (Lm9,500) imhallas mill-atturi lill-konvenuti fuq konvenju datat it-tmienja (8) ta' Novembru elfejn u wiehed (2001), relattivament ghall-akkwist da parti taghhom minghand il-konvenuti, ta' porzjoni ta' raba' msejha 'Ta' Loggja', fil-limiti tax-Xewkija, Ghawdex, u ghalkemm il-konvenju fuq imsemmi gie kancellat permezz ta' skrittura privata datata it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Awwissu 2002, l-

ammont mitlub baqa' ma giex rifuz lura lill-atturi, u dan minkejja diversi interpellazzjonijiet maghmula lill-konvenuti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 16 ta' Marzu 2007, u bl-imghaxijiet legali sa mis-16 ta' Marzu 2007, kontra l-konvenuti, u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti li tghid hekk :-

1. Preliminarjament dan it-Tribunal mhuwiex kompetenti *rationae valoris*;

2. Fit-tieni lok l-ebda ammont m'huwa dovut mill-eccipjenti stante li l-iskrittura datata 23 t'Awwissu 2002, il-partijiet kienu nhallu reciprokament minn kwalunkwe obbligi naxxenti mill-konvenju datat it-8 ta' Novembru 2001;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Sama' l-provi tal-partijiet dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti;

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza dwar din eccezzjoni preliminari tal-kompetenza ta' dan it-Tribinal *rationae valoris*;

Ikkunsidra :

Illi din hija kawza li biha l-atturi qeghdin jitolbu li l-konvenuti jigu kkundannati jirrifondulhom parti mid-depozitu li kien gie mhallas mill-atturi lill-konvenuti akkont tal-prezz fuq il-konvenju li kien sar bejn il-partijiet fit-8 ta' Novembru 2001, dwar ix-xiri mill-atturi minghand il-konvenuti ta' porzjon ta' raba' msejha "Ta' Loggja" fil-limiti tax-Xewkija, Ghawdex, liema konvenju kien gie sussegwentement imhassar permezz ta' skrittura ohra tat-23 ta' Awwissu 2002. Jirrizulta mill-avviz tat-talba u mill-kopja tal-konvenju dokument FT1 li d-depozitu li kien gie

mhallas mill-atturi lill-konvenuti kien ta’ disat elef u hames mitt Liri Maltin (Lm9,500). It-talba ordjerna qed issir ghar-rifuzjoni tal-bilanc jew ta’ parti minn dan id-depozitu. Huwa fid-dawl ta’ dawn il-fatti li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti trid ghalhekk tigi ezaminata.

Illi ghalkemm huwa minnu li s-sorte li qed jintalab mill-atturi huwa fl-ammont ta’ elf u hames mitt Liri Maltin (Lm1,500), li jaqa’ taht il-kompetenza moghtija lil dan it-Tribunal bl-artikolu 3(2) tal-Kapitolu 380, jibqa’ l-fatt pero’ li fir-realta’ l-kontestazzjoni bejn il-partijiet hija relatata m’ammonti ta’ flus li jeccedu l-elf u hames mitt Liri Maltin (Lm1,500). L-ammont ta’ elf u hames mitt Liri Maltin (Lm1,500) jirrapprezenta biss ‘parti’ minn ammont akbar, kif *del resto* huwa rikonoxxut espressament mill-atturi stess fil-formola fl-Avviz tat-Talba (ara *a tergo* ta’ l-ewwel faccata).

Huwa minnu li ghall-finijiet ta’ kompetenza il-valur ta’ l-oggett fil-kawza jigi determinat mit-talba attrici specjalment meta t-talba hija ghall-hlas ta’ somma determinata (ara l-artikolu 748 tal-Kap.12). Dan ma jfissirx pero’ li dan it-Tribunal li inizjalment ikun kompetenti li jiehu konjizzjoni tal-meritu, ma jistax ma jibqax hekk kompetenti jekk bhala rizultat ta’ l-eccezzjonijiet moghtija dak it-Tribunal ikun gie msejjah jiehu kont u konjizzjoni ta’, u jiddeciedi dwar materji jew somom ta’ flus li jkunu jeccedu u jmorru ’l hinn mill-kompetenza tieghu.

‘*Il-kompetenza ma tiddependix bilfors u unikament mit-talba ta’ l-attur imma tista’ tiddependi wkoll fejn ikun il-kaz mill-eccezzjonijiet tal-konvenut*’ (ara. Vol.XXXVI.II.254; Appell, Sede Inferjuri, **Saviour sive Sammy Mercieca et vs Carmel sive Charlie Galea**, 12/12/2002; Appell, Sede Inferjuri, **Margherita Rizzo vs Edgar Zahra**, 10/01/1953; Prim’Awla, Qorti Civili, **Oscar Busuttil noe vs Giuseppe Camilleri noe**, 02/06/1952; Prim’Awla, Qorti Civili, **Maria Grazia Pullicino et vs Assuero Ellul**, 25/10/1966).

‘*Dan jista’ jigri billi l-Qorti tigi necessarjament mitluba bhala konsegwenza tal-eccezzjoni moghtija u bhala parti mill-process biex tiggudika t-talba quddiemha li tikkonsidra*

*u tiddeciedi obbligazzjonijiet bejn il-kontendenti li jeccedu l-kompetenza taghha.*' [Appell, Sede Inferjuri, **Anthony Zammit vs Joseph Ellul noe**, 31/07/1996].

Illi ghalkemm l-azzjoni inizjalment tkun ta' kompetenza tat-Tribunal, din tigi in segwitu ezawtorata *ope exceptionis* bin-natura stess tal-eccezzjoni li tkun tinvolvi stharrig ta' vertenza li allura tkun tmur 'l hinn mill-kompetenza adita lilu. Fic-cirkostanzi in ezami mhuwiex biss l-ammont li qed jitolbu l-atturi li l-konvenuti jigu kkundannati li jhallsu, li qed jigi kkontestat, izda minn qari tat-tieni eccezzjoni tal-konvenuti, huwa l-ammont kollu li kien gie mhallas bhala depozitu fuq il-konvenju li qed jigi mess in dubbju. Dan ifisser ghalhekk li l-kontestazzjoni tkun tezorbita mill-kompetenza guridika assenjata bil-ligi lil dan it-Tribunal billi bil-fors tkun trid tigi nvestita din il-kwistjoni.

F'kazijiet bhal dawn, il-kompetenza hija finalment determinata mill-indoli ta' l-obbligazzjonijiet in relazzjoni ma' l-obbligat, li fil-kaz prezenti jittiehdu limitatament ghall-bilanc mitlub bhala sorte imma hemm miftuha l-kwistjoni kollha dwar il-pagamenti kollha li saru mill-atturi lill-konvenuti bhala depozitu mhallas fuq il-konvenju akkont tal-prezz.

Ma jistax ikun hemm dubbju illi filwaqt li hu rikonoxxut li t-Tribunal ghal Talbiet Zghar hu konferit mill-ligi bil-gurisdizzjoni li jisma' u jiddeciedi t-talbiet kollha ta' flus ta' mhux izjed minn elf u hames mitt Liri Maltin (Lm1,500), eppure meta jkun rinfaccjat b'eccezzjoni li l-ammont reklamat mhuwiex dovut bhalma hi mbaghad it-tieni eccezzjoni li giet mqajma mill-konvenuti, dan it-Tribunal ikun jehtieglu jinvesti materja li tmur oltre l-kompetenza tieghu, li jfisser li l-kontestazzjoni tkun tezorbita mill-kompetenza guridika ta' dan it-Tribunal.

Fil-kaz taht ezami l-obbligazzjoni tal-konvenuti mhijiex izolata u limitata biss ghall- bilanc reklamat mill-atturi imma l-kwistjoni ghandha ta' bilfors, *ope exceptionis*, tigi deciza fl-isfond tan-negozju intier. Li jfisser li n-negozju kollu u l-ammont kollu tan-negozju guridiku intervenut bejn il-partijiet jehtieg jigi approfondit, u mhux il-bilanc biss jew

parti mill-ammont li l-atturi deherilhom li huwa jew ghadu dovut.

‘*Dan ghalhekk ifisser illi l-kontestazzjoni kienet tezorbita mill-kompetenza guridika assenjata bil-ligi lti-Tribunal ghal Talbiet Zghar*’ [Appell, Sede Inferjuri, **Antonia Attard Gialanze vs Rita Borg**, 23 ta’ Frar 2001; Appell, Sede Inferjuri, **Joseph Cassar vs Air Malta Co. Ltd.**, 22 ta’ Novembru 1996).

Ghal dawn il-motivi, jiddeciedi ghaldaqstant billi jilqa’ l-eccezzjoni tal-konvenuti u jiddikjara ruhu nkompetenti *rationae valoris*, bl-ispejjez kontra l-atturi ghajr ghan-nota tat-18 ta’ Jannar 2008, li ghandha tibqa’ a karigu tal-konvenuti stante li biha gie esibit dokument li l-konvenuti stess kienu sussegwentement iddikjaraw li ma kienx jirreferi ghall-konvenju li ghandu x’jaqsam ma’ din il-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------